# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Mejju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 198/2005**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Leslie Muscat**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Leslie Muscat ta' 35 sena iben Carmelo u Phyllis nee' Grech imwieled Attard fit-13 ta' Frar 1969 u li joqghod fi 21 Triq in-Nahal, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita numru 122969M

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bhala propretarju u/jew amministratur tal-fond Zefferino Bar and Restaurant li jinsab fi Triq il-Marfa l-Ghadira, Mellieha bejn it-8 ta' Lulju 1998 u l-14 t' Awwissu 2004:

1. b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, kkommetta serq ta' kwantita ta' elettriku fl-ammont ta' hamest elef, sebgha mija u wiehed u sittin lira (LM5,761) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin u bl-ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta:

2. u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u/jew fil-gummi tal-elettriku u/jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku u/jew is-sigill tieghu u/jew xi parti minn xi apparat u/jew gummi wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu u cioe arlogg tal-elettriku tal-ghamla 'Iskra' li ghandu n-numru tas-serje 24170548, liema hsara ma tiskorrix il-hamsa u sebghin lira Maltin (LM75) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta

3. u aktar talli huwa recediv billi kiser sentenza moghtija lilu fil-21 ta' Ottubru 2002 mill-Mag. Dr. C. Peralta LL.D.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvediment tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fl-14 t'Awwissu 2004, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs-in-nhar (13.00hrs), Mario Cassar u Harry Buttigieg fil-kapacita taghhom ta' *senior tradesmen* mal-Korporazzjoni Enemalta, irraportaw fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha, li kien ghadhom kif ghamlu spezzjoni fl-istabbiliment Zeffiro Bar & Restaurant fi Triq il-Marfa, l-Ghadira Mellieha, u sabu li l-arlogg tad-dawl installat fl-imsemmi fond kien imbaghbas. Mario Cassar qal li meta spezzjona l-arlogg tad-dawl three phase tal-marka "Iskra", hu induna li s-sigilli l-homor tal-istess arlogg kienu imbaghbsa u li kien innota li d-diska li tirregistra l-konsum fuq il-phase l-isfar, li jirraprezenta madwar tlieta u tletin fil-mija (33%) tal-konsum tal-elettriku, ma kienitx qed tahdem u anke osserva trabijiet fuq l-istess diska li jindika li din setghet kienet imbaghbsa minn gewwa. Dan juri li kien qed isir serq tal-elettriku.

ii. Il-konsumatur tal-elettriku registrat mal-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward tal-fond in kwistjoni kien Spiridione Bartolo, pero kemm l-ufficjali tal-Korporazzjoni kif ukoll lill-ufficjali tal-Pulizija irrizultalhom li l-istabbiliment kien gestit mill-imputat u minn martu Susanna Muscat.

iii. Infethet inkjesta *in genere* fuq dan l-incident, u fit-28 ta' Dicembru 2004 il-Magistrat Inkwerenti Dr Silvio Meli ikkonkluda l-*proces verbal* billi ordna li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat ghal serq ta' kurrent elettriku.[1]

iv. Ghaldaqstant ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita' tax-Xhieda tal-Imputat fl-Inkjesta in genere*

6. Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta x-xhieda tal-imputat fl-inkjesta *in genere*, u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju

[1] Ara fol. 15 tal-process.

jew ix-xhieda tieghu fl-inkjesta *in genere*, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

7. Fil-kaz odjern, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, id-difiza ghamlet ampja riferenza ghal dak li xehed l-imputat fl-inkjesta.[2] Fid-dawl tal-fatt li d-difiza stess taghmel riferenza ghal dak li qal l-imputat lil Hugh Camilleri, l-espert mahtur fl-inkjesta, qabel kellu opportunita' li jiehu parir legali, u dan sabiex tissostanzja l-istess tezi taghha, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

8. Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat.

*<u>Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu</u>*

9. Qabel xejn, il-Qorti thoss li jkun opportun, li tirriferi ghal xi sentenzi dwar il-livell ta' provi li l-Prosekuzzjoni trid tilhaq fi proceduri kriminali.

10. Il-Qorti tibda billi tirriferi ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghajr ombra ta' dubju dwar htija o meno ta' akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghal fini ta'gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. ... ...*

*Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, adirittura impellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat, u jista'*

[2] Ara fol. 209 tal-process.
[3] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari, izda jkollok diversi indizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*[4]

11. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, deciza fil-5 ta' Dicembru 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) [5] irrimarkat hekk:

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)."*

12. Il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' kull imputazzjoni fid-dawl ta' dan l-insenjament.

<u>*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq ikkwalifikat ta' dawl elettriku*</u>

13. Fir-rapport tieghu, l-espert Hugh Camilleri, mahtur fl-inkjesta, ikkonkluda hekk:

---

[4] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza fit-8 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) *per* Imhallef Michael Mallia.

[5] *Per* Judge Vincent De Gaetano.

*"Minn dak li instab fil-meter, l-esponent ukoll ikkonkluda xi punti. L-ewwel punt huwa dwar il-fatt li s-sigilli l-blu tal-base cover kienu intatti. Kemm dan il-fatt u anke l-fatt li x-shants kienu sew jindika li ma sar ebda reat f'din il-parti tal-meter. It-tieni punt huwa dwar dak li nstab fis-sigilli l-homor. Dawn deher car li kienu miftuhin u maghfusin. It-tielet punt huwa li la nstab brix fid-diski u lanqas fil-coils l-ohrajn, jigifieri dak tar-red u l-blue phase. Dan jindika li anke f'dil-parti tal-meter la sar reat u lanqas attentat tar-reat. Ir-raba' punt huwa dwar il-voltage tal-yellow phase maqlugha. Hawn l-esponent jirrileva li kemm din l-azzjoni u anke l-azzjoni dwar is-sigilli huma relatati ma xulxin u li dak li sar fis-sigilli kien intiz biex jitwettaq reat ta' serq tal-kurrent elettriku. Il-fatt li dawn kienu mbaghbsin jindika li l-voltage wire ma nqalax incidentalment imma nqala' bhala parti mit-twettiq ta' reat. Il-fatt li dan inqala kkaguna t-telf tal-kurrent elettriku."*[6]

14. Din il-konkluzjoni tal-espert Hugh Camilleri ma giet bl-ebda mod kontestata mid-difiza, u din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni.

15. Effettivament l-imputat fl-ebda hin ma kkontesta li l-meter tad-dawl tar-restaurant kien imbaghbas, u konsegwentement ma kienx qieghed jirregistra l-konsum kollu tal-elettriku. L-unika difiza tieghu, fix-xhieda li ta fl-inkjesta u anke f'dawn il-proceduri, hi *"(b)'dak li kien hemm fil-meter ma naf xejn u jien lanqas plakka ma naf nibdel."*[7] Huwa qal ukoll illi *"(d)arba fis-sajf ta' xi sentejn ilu kien inqatali d-dawl u kienu gew mill-Power Station tal-Marsa ghax kienu xis-7.00pm. Il-cupboard fethuh zgur, pero dak il-hin kont fil-kcina u ma nafx messewx l-arlogg. Dan soltu jigi jaqrah normali."*[8]

16. Mill-provi jirrizulta ampjament, li dan ir-restaurant inbena minn Spiridione Bartolo u kien qed jigi gestit minn ohtu u mir-ragel taghha, l-imputat. Fil-fatt Bartolo xehed hekk: *"Jiena r-restaurant kien tieghi pero bghettu lil ohti li tigi l-mara ta' Leslie Muscat, pero ghadna speci fuq konvenju u l-kuntratt ghadu ma sarx. F'kelma wahda il-propjeta qed imexxuha huma bhala restaurant."*[9] Huwa zied jghid li hu tahom r-restaurant gdid u qatt ma opera l-istess restaurant.[10] Huwa qal wkoll li kien hu li applika ghas-servizz tad-

[6] Ara fol. 51 u 51 *a tergo* tal-atti ta' l-inkjesta, li tinsab a fol. 15 tal-process.
[7] Ara fol. 55 *a tergo* tal-atti tal-inkjesta, li tinsab a fol. 15 tal-process.
[8] Ara fol. 55 *a tergo* tal-atti tal-inkjesta, li tinsab a fol. 15 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Spiridione Bartolo a fol. 40 tal-process.
[10] Ara fol. 42 tal-process.

dawl elettriku, u li ma rax il-bzonn li l-meter tad-dawl jinqaleb fuq isem l-imputat u martu, ladarba l-fond kien ghadu jghajjat lilu.[11] Jirrizulta wkoll li mhux biss il-meter tad-dawl kien registrat fuq Spiridione Bartolo, imma anke l-licenzja biex il-fond opera bhala bar u restaurant giet registrata fuqu fis-sena 1999 u baqghet registrata fuqu sal-24 ta' Novembru 2017, meta inqalbet fuq Susan Muscat,[12] li tigi l-mara tal-imputat.

17. Dan hu korroborat ukoll mix-xhieda ta' l-ispettur Joseph Mercieca, li xehed li bejn is-sena 1994 u Novembru 2024 hu kien stazzjonat fid-distrett tal-Mellieha. Hu kien jaf lil Spiridione Bartolo bhala kuntrattur, u sa fejn kien mgharraf dan qatt ma iggestixxa r-restaurant in kwistjoni. L-ispettur qal li hu jaf li dan ir-restaurant dejjem kien gestit mill-imputat.[13] In oltre, huwa ikkonferma bil-gurament tieghu r-rapport ghall-ftuh tal-inkjesta fejn kien iddikjara li l-istabbilment Zaffiro Bar & Restaurant kien gestit mill-imputat u mill-mara tieghu Susanna Muscat.[14]

18. Harry Buttigieg xehed li meta hu u Mario Cassar, ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni Enemalta, marru jaghmel l-ispejjezjoni kienet fethitilhom Suzanna Muscat. Wara li iccekjaw il-meter, huma infurmawha x'sabu hazin, u hija cemplet lir-ragel taghha, cioe lill-imputat, li sussegwentement gie fuq il-post. Huma ipprezentaw rwiehom bhala l-persuni li juzaw ir-restaurant, u qalu li ma kienu jafu xejn fuq il-meter.[15] Dan hu korroborat ukoll mix-xhieda ta' Mario Cassar.[16] Mill-provi ma jirrizultax li f'xi hin l-imputat jew martu infurmaw lil dawn l-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta, li l-persuna responsabbli tal-post kienet effettivament Spirdione Bartolo, kif wiehed kien jistenna li jaghmlu kieku verament ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-gestjoni tar-restaurant.

19. Dawn il-fatti ma jhallu l-ebda dubbju ragonevoli f'mohh din il-Qorti li l-imputat kienx biss sempliciment impjegat tar-restaurant, li ma kellu l-ebda sehem fil-gestjoni tal-istess, kif tipprova targumenta d-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Huwa kien id-detentur tal-fond u l-persuna li qed tiggestixxi r-restaurant.

---

[11] Ara fol. 41 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' Malcolm Zerafa, in rapprezentanza tal-Awtorita tat-Turizmu, a fol. 199 tal-process, u d-dokumenti minnu ezebiti.
[13] Ara fol. 76 tal-process.
[14] Ara fol. 25 tal-process u fol. 7 tal-atti tal-inkjesta, li tinsab a fol. 15 tal-process.
[15] Ara fol. 65 – 68 tal-process.
[16] Ara fol. 49 tal-process.

20. Pero *ex abbundantia*, fix-xhieda tieghu quddiem l-espert Hugh Camilleri, l-imputat qal hekk *"Il-fond Zefferino Marfa Rd, Ghadira, huwa propjeta tieghi. Dan ilu ghandi minn Awwissu 1998. Jien sibt kollox lest u xtrajtu minghand hatni pero ftahtu jien. Meta wahhlu l-meter kont hawn. ... ... Il-kontijiet huma kollha imhallsin."*[17] Din ix-xhieda turi bic-car li l-imputat mhux biss kien jiggestixxi r-restaurant, imma addirittura kien jikkunsidrah bhala *de facto* proprjeta tieghu, anke jekk legalment dan ma kienx korrett ghax il-kuntratt finali ta' bejgh kien ghadu ma sarx.

21. Ladarba jirrizulta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-imputat kien detentur tar-restaurant, kien jispetta lilu li jipprova, ghalkemm fuq bazi ta' probabbilita` biss, li hu ma kienx jaf b'dak l-uzu illegittimu ta' kurrent elettriku, u dan ai termini tal-Artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk:

*"Fil-każ ta' ksur ... ... ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' ... ... kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ... ... kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ."*

22. L-imputat jipprova jirribatti din il-presunzjoni billi jghid illi xi sentejn qabel l-ispezzjoni tal-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta, kien inqata' d-dawl, l-haddiema mill-Power Station tal-Marsa li gew biex isewwu l-hsara setghu missew l-arlogg. Huwa jissottometti wkoll illi dan il-meter kien accessibbli lil kulhadd ghax skond ix-xhieda ta' Mario Cassar, dan il-meter kien jinstab f'kaxxa hekk kif tidhol fil-hanut, pero ma setghax jiftakar jekk din il-kaxxa kinietx tissakkar jew le.[18]

23. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti certament ma jistghax jinghad li l-imputat irnexxielu jipprova ghall-inqas sal-grad tal-probabbli li kien ezercita d-diligenza kollha xierqa sabiex bhala d-detentur tal-fond jevita l-eghmil ta' dan ir-reat ta' serq. Anzi mix-

---
[17] Ara fol. 54 u 55 tal-atti tal-inkjesta, li tinsab a fol. 15 tal-process.
[18] Ara fol. 47 – 48 tal-process.

xhieda u s-sottomissjoni tieghu jirrizulta propju l-oppost, u cioe li l-meter *de quo* ma kienx kustodit b'mod diligenti, tant li *"kulhadd"* seta' jbaghbas mieghu. Minkejja li l-imputat jidher skond din is-sottomissjoni tieghu li kien konsapevoli ta' dan il-fatt, mill-provi ma jirrizultax li ha xi passi sabiex il-meter – proprjeta tal-Korporazzjoni Enemalta - jigi kustodit b'mod diligenti, halli hadd ma jkun jista' jbaghbas mieghu. In oltre jekk kellu xi suspetti li haddiema mill-Power Station tal-Marsa kienu baghbsu mal-meter, hu kellu l-obbligu li javza lill-Korporazzjoni Enemalta dwar dawn is-suspetti tieghu. Dan apparti l-fatt li din il-Qorti ma tistghax tara x'interess seta' kellu xi haddiem tal-Power Station jew kwalunkwe terza persuna ohra li jbaghbas dan il-meter sabiex jirregistra konsum inqas, sabiex minn dan il-fatt jiggwadanja l-imputat li kien il-persuna li qed thallas il-kontijiet tad-dawl, kif iddikjara hu stess.

24. Fir-rigward tal-ammont ta' dawl elettriku misruq, Alan Chetcuti, in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta xehed illi huwa hadem l-istima tad-dannu soffert mill-korporazzjoni, a bazi tal-fatt li mill-ezami tekniku irrizulta illi dan it-three phase meter ta' natura kummercjali kien qed jirregistra fuq zewg phases, minflok fuq tlieta, u allura kien qed jirregistra sitta u sittin punt sitta fil-mija (66.6%) tal-konsum biss. Allura huwa hadem l-istima billi iddivida l-konsum attwali li kien jirregistra l-meter in kwistjoni bi tnejn, biex hekk jigi ekwivalenti ghal tlieta u tletin punt tlieta fil-mija (33.3%), li kien bejn wiehed u iehor l-ammont tal-phase li ma kienx qed jirregistra. Hu hadem dan il-kalkolu mit-8 ta' Lulju 1998 - id-data li fiha twahhal il-meter – sal-14 t'Awwissu 2004 - id-data li fiha saret ispezzjoni. Din l-istima giet tammonta ghal hamest elef seba' mija u wiehed u sittin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (LM5761.36)[19] Dan l-ammont huwa illum ekwivalenti ghal tlettax-il elf erba' mija u tnejn u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€13,422.37).[20]

25. Il-mod ta' kif giet kalkulata din l-istima ma gie bl-ebda mod kontradett jew kontestat mid-difiza, u fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-mod ta' kif sar dan il-kalkolu ibbazat fuq il-konsum attwali registrat tal-meter, huwa wiehed ragonevoli anke ghaliex l-espert Hugh Camilleri ukoll xehed illi, billi l-yellow phase kien maqlugh minn postu, il-meter kien qed jitlef madwar terz tal-kurrent elettriku.[21]

---

[19] Ara xhieda ta' Alan Chetcuti a fol. 78 tal-process.
[20] Ara fol. 132 tal-process.
[21] Ara fol. 19 tal-process, u r-rapport tieghu a fol. 45 tal-inkjesta, li tinsab a fol. 15 tal-process.

26. Id-difiza tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova tad-data li fiha sehh dan it-tbaghbis mal-meter. Huwa ovvju li kien impossibli ghal Prosekuzzjoni li taghmel dan, stante li din id-data jafha biss l-imputat. Pero l-provi migbura huma univoci u jippuntaw lejn direzzjoni wahda, u cioe li dan it-tbaghbis sar immedjatament wara d-data li fiha l-meter gie imwahhal fil-fond u qabel il-fond beda jigi uzat bhala restaurant, u dan sabiex il-kontijiet tad-dawl ikunu inqas mill-konsum attwali li kien ser isir fir-restaurant.

27. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Hsara volontarja lil xi meter tal-elettriku</u>*

28. Bit-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi mixli li ikkaguna hsara volontarja lill-meter tal-elettriku in kwistjoni. Mir-rapport tal-espert Hugh Camilleri jirrizulta li din il-hsara kienet tammonta ghas-somma ta’ tletin Lira Maltija (LM30.00) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

29. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, jidher li l-Prosekuzzjoni assumiet li jekk din il-Qorti issib lill-imputat, hati skond l-ewwel imputazzjoni (cioe` dik ta’ serq ta’ kurrent elettriku), allura setghet necessarjament issibu hati skond it-tieni imputazzjoni. Dan ma hux legalment korrett. Fil-kaz tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, il-ligi ma tohloq ebda presunzjoni. Infatti jista’ jkollok kaz fejn min jaghmel il-hsara, per ezempju, fil-meter ta’ l-elettriku tkun persuna, filwaqt li min juzufruwixxi minn dik il-hsara u jisraq il-kurrent elettriku tkun persuna ohra.

30. Fil-kaz odjern, ma kien hemm ebda prova li l-imputat huwa l-awtur materjali tal-hsara fil-meter.

31. Pero din il-Qorti ma tistax tinjora l-istitut tal komplicita. Skond l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jitqies bhala komplici f' delitt kull min ikun ta' ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt jew ikun gieghel jew ta istruzzjonijiet biex isir id-delitt jew ikun xewwex lil haddiehor jew sahhah il-volonta' tieghu biex jaghmel id-delitt. Meta ma jigix pruvat li l-

imputat, jew xi wiehed mill-imputati, kien l-awtur jew wiehed mill-awturi tar-reat li bih ikun akkuzat izda jigi pruvat li kien komplici, hu jista' jinstab hati ta' komplicita.

32. A bazi tal-provi prodotti, din il-Qorti hija altru milli sodisfatta li l-meter in kwistjoni ma setghax jigi mbaghbas minn terza persuna minghajr ma bl-agir tieghu l-imputat irrenda ruhu komplici fir-reat ta’ hsara volontarja lil dan il-meter, billi ta ordni jew istruzzjoni biex jigi imbaghbas sabiex jirregistra konsum inqas minn dak li kien qed jigi ikkunsmat. L-imputat kien detentur tar-restaurant in kwistjoni, u ghalhekk huwa inverosimili u mhux kredibbli li terza persuna baghbset dan il-meter minghajr ma kellha istruzzjonijiet minghand l-imputat biex taghmel dan.

33. Konsegwentement, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni imma mhux bhala awtur materjali izda bhala komplici.

*It-Tielet Imputazzjoni – Ir-Recidiva*

34. It-tielet imputazzjoni hija li l-imputat huwa recidiv billi sentenza mogthija lilu fil-21 t’Ottubru 2022 minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Carol Peralta.

35. Il-Prosekuzzjoni naqset li tipprezenta vera kopja awtentikata ta’ din is-sentenza, u ghalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

36. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-fedina penali aggornata tal-imputat mhix wahda felici. Huwa ghandu tminn (8) kundanni minn dawn il-Qrati, ghal diversi reati fosthom zewg kundanni ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan, zewg kundanni ghal pussess semplici tad-droga u importazzjoni tal-istess sustanza, ksur tal-ligijiet dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u evazzjoni tad-dazju u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Pero hu qatt ma gie ikkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghalkemm inghata zewg sentenzi sospizi. L-ahhar kundanna kienet ghal reat li gie kommess fis-sena 2012.

37. Rigward it-trapass taz-zmien sabiex gew konkluzi dawn il-proceduri, il-Qorti tosserva li l-imputat ikkontribwixxa hafna ghal dan id-dewmien stante li wara li kienu inbdew dawn il-proceduri, huwa naqas li jidher ghas-seduta tal- 11 ta' Marzu 2007, ma setghax jinstab, u mir-riferti tan-notifika jidher li kien siefer. Ghaldaqstant il-kawza giet differita sine die. Wara li l-kawza giet riappuntata fis-sena 2018, l-imputat rega' ma attendix il-Qorti minkejja li kien gie debitament notifikat, u lanqas setgha jinstab, tant li fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023 din il-Qorti ordnat li l-imputat ghandu jinzamm taht arrest. Pero sussegwentement l-imputat inghata l-helsien mill-arrest.

38. Jigi osservat ukoll li permezz ta' nota tat-18 ta' Gunju 2019, is-socjeta Enemalta p.l.c. infurmat lil din il-Qorti illi permezz tal-Att XXXIV tal-2014, l-Att dwar it-Trasferiment, id-Drittijiet, id-debiti u l-obbligi ta' Enemalta, il-Korporazzjoni Enemalta giet trasferita fis-socjeta Enemalta p.l.c.[22]

**Konkluzjoni**

39. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha;

2. Wara li rat l-Artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 264, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2), 42(a) u 326(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, kif ukoll hati bhala komplici, u mhux bhala l-awtur materjali tar-reat, tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

3. Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[22] Ara fol. 127 tal-process.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u tnejn u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€13,492.25) lis-socjeta Enemalta p.l.c. fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u tnejn u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€13,422.37) – ekwivalenti ghal hamest elef seba' mija u wiehed u sittin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (LM5761.36) – l-ammont ta' dawl elettriku minnu misruq, u in kwantu ghas-somma ta' disa' u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) - ekwivalenti ghal tletin Lira Maltija (LM30.00) – id-danni minnu kagunati lill-meter tad-dawl.

5. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u wiehed u sittin Euro u dsatax-il centezmu (€161.19)[23] li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

40. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lis-socjeta Enemalta p.l.c. l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[23] Ekwivalenti ghal disa' u sittin Lira Maltija u ghoxrin centezmu (LM69.20).